A.L. 100 ta' l-1990

ATT TA' L-1990 DWAR TAXXA FUQ L-INFIQ (ATT NRU. XXII TA' L-1990)

Regolamenti ta' l-1990 dwar Taxxa fuq l-Infiq (Servizzi ta' l-Ivjaġġar)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 14 ta' l-Att ta' l-1990 dwar Taxxa fuq l-Infiq, il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1990 dwar Taxxa fuq l-Infiq (Servizzi ta' l-Ivjaġġar) u għandhom jibdew iseħħu fil-5 ta' Lulju, 1990, ħlief għal dawk is-servizzi li jaqgħu taħt il-paragrafu (2) tar-regolament 8 li huma klassifikati mill-awtoritajiet dwar il-Kontroll fuq il-Kambju bħala li jagħmlu sehem mill-*allowance* għall-ivjaġġar li għandhom jibdew iseħħu fis-16 ta' Lulju, 1990 u d-dispożizzjonijiet l-oħra kollha tar-regolament 8 li għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Novembru, 1990.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra —

"*Accountant General*" tfisser *Accountant General* u sal-limitu ta' l-awtorità mogħtija, tinkludi kull uffiċjal tad-Dipartiment awtorizzat mill-*Accountant General* għaldaqshekk għall-fini ta' dawn ir-regolamenti;

"aġenti ta' l-ivjaġġar" tinkludi kemm persuni bil-liċenza u mingħajr liċenza li jkunu qegħdin ifornu servizzi skedati, għalkemm persuni li jkunu qegħdin ifornu servizzi mingħajr il-liċenza meħtieġa jenħtieġu jikkonformaw ruħhom mal-ħtiġiet ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Aġenziji ta' l-Ivvjaġġar u Servizzi tal-Lukandi; Att XXIII ta' l-1976.

"*allowance* għall-ivjaġġar" ikollha l-istess tifsir mogħti lilha mill-awtoritajiet dwar il-Kontroll fuq il-Kambju minn żmien għal żmien;

"Att" tfisser l-Att ta' l-1990 dwar Taxxa fuq l-Infiq;

"reġistrat" ikollha t-tifsir mogħti lilha fl-artikolu 9 ta' l-Att;

"riċevuta" tinkludi l-formula xierqa stabbilita minn żmien għal żmien skond l-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju; Kap. 233.

"servizzi ta' l-ivjaġġar" tfisser dawk is-servizzi speċifikati fil-Partita 1 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-Att;

"spettur" ikollha t-tifsir mogħti lilha fl-artikolu 8 ta' l-Att.

Formuli.

3. Il-formuli msemmija f'dawn ir-regolamenti għandhom jinħarġu bla ebda ħlas mill-*Accountant General* fuq talba speċifika li ssirlu minn persuna reġistrata jew persuna li tkun trid tirreġistra ruħha. Ebda prospett, dikjarazzjoni, ċertifikat jew informazzjoni oħra li hi meħtieġa li tingħata b'dawn ir-regolamenti ma għandhom jitqiesu li jkunu ngħataw sakemm ma jsirux fuq formula maħruġa jew approvata mill-*Accountant General*.

Reġistrazzjoni.

4. Kull min ikollu bħala xogħol tiegħu l-provvista tas-servizzi speċifikati fil-Partita 1 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-Att għandu japplika għar-reġistrazzjoni billi jagħti l-formula preskritta ffirmata kif imiss, dwar kull stabbiliment li jkun qed jipprovdi dawk is-servizzi, lill-*Accountant General* fi żmien ħmistax-il jum mill-ħruġ tal-permess meħtieġ mill-Kummissarju tal-Pulizija u/jew liċenza mill-Ministeru responsabbli għat-turismu u/jew liċenza mill-Bank Ċentrali; mal-formula ta' applikazzjoni għandha tiġi annessa kopja awtentikata jew l-oriġinal ta' dak il-permess u/jew liċenza.

Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni.

5. Meta l-*Accountant General* ikun sodisfatt li min ikun qiegħed jagħmel l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni jkun qiegħed jikkonforma ruħu ma' l-Att, huwa għandu joħroġ Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni u min ikun qiegħed japplika għar-reġistrazzjoni ma għandux jiġġestixxi dak in-negozju sakemm jinħariġlu dak iċ-Ċertifikat:

Iżda kull min ikun ġa qiegħed jiġġestixxi negozju qabel il-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti jkollu jedd ikompli jiġġestixxi dak in-negozju sakemm l-*Accountant General* ma jirrifjutax dik ir-reġistrazzjoni permezz ta' avviż li jagħti bil-miktub.

Tibdil fiċ-ċirkostanzi.

6. (1) L-*Accountant General* għandu jkun avżat, fi żmien 30 jum minn meta tiġri xi ħaġa, dwar kull waħda minn dawn it-tibdiliet:

(i) l-għeluq tan-negozju li bih ikunu qed jingħataw servizzi skedati;

(ii) il-bejgħ jew it-trasferiment tan-negozju jew tibdil fl-isem kummerċjali tan-negozju;

(iii) tibdil fl-indirizz ta' l-imkien prinċipali fejn jitmexxa n-negozju;

(iv) mewt, falliment, interdizzjoni jew inabilità tal-persuna reġistrata;

(v) ix-xoljiment ta' kumpannija inkorporata jew ta' soċjetà; u

(vi) it-twaqqif tal-forniment ta' servizzi skedati għal kull raġuni oħra.

(2) L-avviż għandu jingħata bil-miktub filwaqt li jindika n-Numru ta' Reġistrazzjoni u d-data meta saret il-bidla. Meta individwu li jkun proprjetarju jmut jew isir fallut jew jiġi interdett jew inabilit, il-persuna li tkun ġiet debitament awtorizzata tiġġestixxi n-negozju għandha tagħmel l-avviż meħtieġ. Bl-istess mod, meta stralċjarju jibda jmexxi l-attività ta' kumpannija inkorporata, huwa għandu javża lill-*Accountant General* dwar il-jum minn meta huwa jkun assuma r-responsabbiltà u ċ-ċirkostanzi li bihom ikun ħa t-tmexxija f'idejh.

Numru ta' Reġistrazzjoni.

7. In-Numru ta' Reġistrazzjoni tat-Taxxa fuq l-Infiq mogħti fuq iċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni relattiv mill-*Accountant General* għandu jintwera b'mod ċar u leġibbli fuq il-fattura mogħtija skond l-artikolu 7 ta' l-Att u fuq kull prospett, dikjarazzjoni jew dokument ieħor meħtieġa li jingħataw b'dawn ir-regolamenti.

Rata ta' taxxa.

8. (1) Għandha tintalab Taxxa fuq l-Infiq mix-xerrej li tingħabar mill-bejjiegħ bir-rata ta' għaxra fil-mija (10%) fuq il-prezz imħallas jew li għandu jitħallas għall-provvista tas-servizzi skedati speċifikati fis-sezzjoni A tal-Partita 1 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-Att:

Iżda għall-fini tal-ġbir tat-taxxa li titħallas taħt dan il-paragrafu, "bejjiegħ" għandha tiftihem li tfisser —

(i) fil-każ tal-paragrafu (i) tas-sezzjoni A tal-Partita msemmija, min ikun qiegħed iħaddem Linja ta' l-Ajru jew Linja tal-Baħar;

(ii) fil-każ tal-paragrafu (ii) tas-sezzjoni A tal-Partita msemmija, l-istess Aġent ta' l-Ivjaġġar.

(2) Għandha tintalab Taxxa fuq l-Infiq mix-xerrej li tingħabar mill-bejjiegħ bir-rata ta' għaxra fil-mija (10%) fuq il-prezz imħallas jew li għandu jitħallas fi flus Maltin għall-provvista tas-servizzi skedati speċifikati fis-Sezzjoni B tal-Partita 1 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-Att:

Iżda għall-fini tal-ġbir tat-taxxa li titħallas taħt dan il-paragrafu, "bejjiegħ" għandha tiftihem li tfisser min ikun qiegħed iħaddem uffiċċju tal-kambju, jew negozjanti awtorizzati:

Iżda wkoll, ebda tlus ma għandhom jiġu ħekk kambjati sakemm il-Formuli tal-Kontroll fuq il-Kambju preskritti ma jkunx fihom it-timbru u n-Numru ta' Reġistrazzjoni ta' min ikun reġistrat skond ir-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti.

It-taxxa miġbura tiġi depożitata fil-Bank.

9. Jekk il-persuna reġistrata tiddeċiedi li tiddepożita t-taxxa miġbura f'bank skond l-artikolu 5 ta' l-Att, hija għandha tagħti lill-*Accountant General* dettalji dwar il-kont bankarju rilevanti fi żmien ġimgħa minn meta jinfetaħ dak il-kont u wara dan tiddepożita dik it-taxxa fil-kont f'intervalli ta' żmien li ma jkunux iktar minn ħmistax-il jum kull wieħed. Kull flus ħekk depożitati f'kont bħal dak għandhom jitħallsu biss, u jistgħu jiġu rilaxxati biss mill-bank favur l-*Accountant General* in akkont ta' xi taxxa miġbura mill-bejjiegħ.

Tagħrif meħtieġ fuq il-fattura.

10. Kull fattura meħtieġa li tinħareġ mill-bejjiegħ lix-xerrej skond l-artikolu 7 ta' l-Att għandha turi f'ittri jew numri li jinqraw sew dan li ġej:

(i) numru ta' identifikazzjoni konsekuttiv;

(ii) Numru ta' Reġistrazzjoni;

(iii) isem u indirizz ta' persuna reġistrata u/jew stabbiliment;

(iv) data ta' forniment;

(v) isem, indirizz, Numru tal-Karta ta' l-Identità u Numru tal-Passaport tax-xerrej;

(vi) deskrizzjoni li tidentifika s-servizzi fornuti magħdudin il-kwantitajiet, prezzijiet u imposti, b'dan li l-valuri jingħataw fi flus Maltin u fl-ekwivalenti tagħhom fi flus barranin meta jkun il-każ;

(vii) it-talba totali magħmula fi flus Maltin, mingħajr it-Taxxa fuq l-Infiq;

(viii) it-Taxxa fuq l-Infiq totali miġbura fi flus Maltin; u

(ix) l-ammont totali mħallas jew li jitħallas mix-xerrej fi flus Maltin.

Ħlas bi *Credit Card*.

11. Il-bank għandu jaderixxi għal ordni ta' ħlas li ssirlu minn detentur ta' *Credit Card* li dwarha titħallas it-taxxa, minkejja kull ftehim li jista' jkun hemm bejn il-bank u d-detentur tal-*Credit Card*.

Fattura maħruġa minn *computer*.

12. Fattura li tinħareġ minn *computer*, sew fuq karta, b'mezzi manjetiċi jew fi trasmissjoni diretta, għandu jkun fiha t-tagħrif kollu meħtieġ f'fattura normali.

Ix-xerrej għandu juri l-fattura.

13. Xerrej ta' servizzi skedati għandu, meta jintalab, juri l-fattura għal servizzi forniti lil kull spettur jew uffiċjal tal-pulizija li jista' jitlob dan:

Iżda xerrej ma jenħtieġx iżomm u juri dik il-fattura wara l-iskadenza tad-data tat-tluq murija fuq il-biljett tal-vjaġġ.

Dokumenti.

14. (1) Kull persuna reġistrata għandha żżomm dokumenti aġġornati tas-servizzi skedati kollha forniti minnu fil-ġestjoni tan-negozju tiegħu. Id-dokumenti għandhom jinżammu b'dak il-mod li jiffaċilita x-xogħol ta' Spettur jew ta' l-*Accountant General* li jivverifika u jqabbel it-tagħrif użat għall-mili ta' prospetti ta' kull xahar dwar Taxxa fuq l-Infiq. Dawk id-dokumenti għandhom jinżammu għal mill-inqas sentejn b'mod li jkunu minnufih disponibbli għall-*Accountant General* hekk kif jitlob li jarahom.

(2) Id-dokumenti dwar in-negozju għandhom jinkludu:

(i) kopji ta' fatturi;

(ii) dokumentazzjoni ta' dħul ta' kuljum minn servizzi suġġetti għat-taxxa, fi flus Maltin;

(iii) dikjarazzjonijiet bankarji u *paying-in slips* tal-kont bankarju msemmi miftuħ skond l-artikolu 5 ta' l-Att; u

(iv) il-Kont ta' Taxxa fuq l-Infiq tan-negozju.

Tagħrif mill-*computer*.

15. It-tagħrif jista' jinżamm fuq *computer*, fuq *tape* manjetiku, *disc* jew kull mezz ieħor sakemm dan it-tagħrif ikun jista' jiġi riprodott f'għamla li tinqara sodisfaċentement u li tkun disponibbli għall-Ispettur jew għall-*Accountant General* meta jitolbu dan. Spettur jew l-*Accountant General* għandu jkollhom kull aċċess għal dak it-tagħrif u jistgħu jivverifikaw il-ħdim tal-*computer*. Il-persuna reġistrata jew kull min jieħu ħsieb ta', jew b'xi mod ieħor ikollu x'jaqsam ma', *computer* u t-tħaddim tiegħu jew is-*software* tiegħu għandu, meta ssirlu talba, jagħti kull tagħrif meħtieġ u/jew kjarifika lill-Ispettur jew lill-*Accountant General*. Persuna reġistrata għandha tgħarraf lill-*Accountant General* minnufih hekk kif hija tiddeċiedi li tuża s-servizzi ta' *computer bureau* u għandha tiggarantixxi kull aċċess għat-tagħrif li għandu x'jaqsam man-negozju tagħha li jinżamm mill-*bureau* daqslikieku dak it-tagħrif kien qed jinżamm fl-imkien ewlieni tan-negozju tagħha.

Prospetti ta' kull xahar.

16. Kull persuna reġistrata għandha sal-ħmistax tax-xahar tagħti prospett lill-*Accountant General*, inkluż prospett li ma juri ebda taxxa, li jsir fuq il-formula triplika provduta mill-*Accountant General* li jkun fiha dawn id-dettalji dwar ix-xahar ta' qabel:

(i) l-isem sħiħ u l-indirizz tal-persuna reġistrata u/jew ta' l-istabbiliment;

(ii) Numru ta' Reġistrazzjoni;

(iii) il-valur ta' servizzi suġġetti għat-taxxa li jiġu fornuti f'kull jum tax-xahar;

(iv) il-valur tat-Taxxa fuq l-Infiq miġbura f'kull jum tax-xahar;

(v) il-valur totali ta' servizzi suġġetti għat-taxxa li kienu fornuti u t-Taxxa ta' l-Infiq fuqhom miġbura matul ix-xahar;

(vi) in-numru speċifiku ta' l-ewwel u ta' l-aħħar fattura maħruġa mill-bejjiegħ matul ix-xahar; u

(vii) kull dettall jew tagħrif ieħor li l-*Accountant General* jista' jqis li jkun meħtieġ.

Ħlas tat-Taxxa.

17. It-Taxxa fuq l-Infiq kollha miġbura għandha titħallas lill-*Accountant General* flimkien mal-għoti tal-prospett ta' kull xahar u għandha tinħareġ irċevuta relattiva. Il-prova li jkun sar il-ħlas tkun l-irċevuta maħruġa mill-*Accountant General*.

Aġġustamenti u ħlas lura.

18. (1) Meta ċ-ċirkostanzi tal-każ ikunu jeħtieġu aġġustament għas-sodisfazzjon ta' l-*Accountant General*, il-persuna reġistrata għandha, meta jasal iż-żmien tal-ħlas ta' taxxa li jkun imiss lill-*Accountant General*, tkun intitolata għal tpaċija u teħid lura mill-ammont totali ta' Taxxa fuq l-Infiq li jkollha titħallas lill-*Accountant General* ta' somma li tkun tikkorrispondi għas-somma mħallsa żejjed sakemm hija tikkwota fuq il-prospett ta' kull xahar l-awtorità lilha mogħtija mill-*Accountant General* sabiex tagħmel dik it-tpaċija.

(2) It-Taxxa fuq l-Infiq imħallsa tista' tingħata lura ħlief fil-każ ta' karti tal-flus barranin mhux minfuqin.

Ġbir li jsir minn persuni mhux reġistrati.

19. Meta l-*Accountant General* jintebaħ li persuna mhux reġistrata tkun ġabret it-Taxxa fuq l-Infiq qabel ma ssir persuna reġistrata, dik it-taxxa għandha titħallas lill-*Accountant General* qabel ma tkun tista' tiġi kkunsidrata l-applikazzjoni ta' dik il-persuna sabiex tiġi reġistrata, u dan mingħajr ebda preġudizzju għal kull azzjoni li tista' tittieħed bis-saħħa ta' l-Att u kull liġi oħra jew regolament ieħor fis-seħħ. Jekk, għal kull raġuni li tkun, dik il-persuna ma tkunx tista' tiġi reġistrata mill-*Accountant General,* dik it-taxxa ma tkunx tista' titħallas lura lill-persuna li tkun għamlet l-applikazzjoni.

Stima li ssir mill-*Accountant General* dwar it-taxxa dovuta.

20. L-*Accountant General* jista' jagħmel stimi skond l-artikolu 10 ta' l-Att fi żmien sentejn mill-jum meta dik it-taxxa saret dovuta jew kienet inġabret.

Perijodu transitorju.

21. Persuni li fid-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti jkunu detenturi ta' liċenza biex jissupplixxu s-servizzi skedati maħruġa mill-Ministeru responsabbli għat-turismu u/jew mill-Bank Ċentrali u/jew ta' permess maħruġ mill-Kummissarju tal-Pulizija għandhom madankollu japplikaw sabiex jiġu reġistrati mill-*Accountant General* għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti sat-13 ta' Lulju, 1990.